# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 470/2023/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Marco Rapinett**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Marco Rapinett**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0127488(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-22 ta' Ġunju 2023 u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet, ġewwa Bormla u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-

detriment ta' missieru u ċioè Carmelo Rapinett li għandu eta' ta' 72 sena u li kienu qed jgħixu fl-istess dar bħall-ħati u liema reat twettaq ripetutament;

2. fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lil missieru u ċioè Carmelo Rapinett li għandu l-eta' ta' 72 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal missieru Carmelo Rapinett;

3. fl-istess dati, ħin, lok, u ċirkostanzi, naqas milli jħares wħud mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioè li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħus mill-arrest; b'mod partikolari illi jżomm lura milli jimmolesta jew jivvessa lill-ġenituri tiegħu u ċioe' Carmelo Rapinett, li jirrisjedi fl-indirizz 102, Triq San Lawrenz, Vittoriosa u li jirrinkaża ruħu mhux aktar tard mis-19:00hrs u li ma joħroġx qabel is-07:00hrs ta' l-għada filgħodu u dana b'digriet maħruġ mill-Qorti Kriminali nhar it-28 ta' Ottubru 2021, ippresjeduta mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D. li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest;

4. fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli nhar it-22 ta' Ġunju 2023, bejn is-18:00hrs u s-19:30hrs ġewwa Bormla u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

5. għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru u ċioè Carmelo Rapinett jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imputat Marco Rapinett kif ukoll

tordna li s-somma (jew parti minnha) imposta fuqha bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra l-imputat a benefiċċju ta' Carmelo Rapinett u dan fit-termini ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Carmelo Rapinett kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikoli 382A *et seq*. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(d), 202(h)(iii), 202(h)(v), 202(h)(j), 251(1), 251A(1)(a), 251H(a), 251H(b), 251HA, 339(1)(e) u 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 2 u 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u:

- stante li l-Qorti kienet tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija f'Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-imputat Marco Rapinett taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza skont id-dispost ta' Artikolu 7

tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan li għal dan l-iskop ordnat li l-istess imputat jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati f'digriet mogħti dakinhar stess u anness mas-sentenza u li jifforma parti integrali minnha;

- a tenur ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat Marco Rapinett bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi mas-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation* seta' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati bis-sentenza, *non che* l-konsegwenzi li setgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-Ordni msemmija;

- *ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti ta' dakinhar stess kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-imputat Marco Rapinett b'dan illi l-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat kellu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat kull sitt (6) xhur;

- għall-fini tat-tielet imputazzjoni u ċioè dik li l-imputat naqas milli jħares wħud mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioè li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u li jirrinkaża mhux aktar tard mis-19:00hrs u li ma joħroġx qabel is-7.00hrs tal-għada filgħodu skont digriet tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2021 ippreseduta mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest u għal liema imputazzjoni l-imputat irreġistra ammissjoni u li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tagħha abbażi tal-istess ammissjoni, il-Qorti msemmija ddeċiediet li b'applikazzjoni tal-*proviso* ta' Artikolu

579(1) ma tordnax l-arrest kontra l-imputat jew il-konfiska ta' xi somma msemmija fl-obbligazzjoni biex tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan fl-ewwel lok għaliex il-Qorti ddikjarat li ma kellha ebda dokument li jifforma parti mill-atti proċesswali u konsegwentement ddikjarat ukoll li kienet sajma minn kull informazzjoni neċessarja għall-fini tal-istess u fit-tieni lok għaliex ddikjarat li kienet sajma miċ-ċirkostanzi li setgħu waslu lill-imputat biex jikser tali kundizzjonijiet (li hu stess ammetta) u konsegwentement iddikjarat li ma kinitx f'posizzjoni li tiddeċiedi jekk il-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet imsemmi kienux ta' konsegwenza serja jew le;

- il-Qorti ordnat li jinħareġ Ordni ta' Trattament *ai termini* ta' Artikolu 412D(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat għal tul ta' tliet (3) snin biex jiġi ndirizzat l-vizzju tiegħu tad-droga b'dan illi l-Qorti ddikjarat li kienet spjegat b'mod ċar il-portata tas-sentenza lill-imputat u ordnat li kopja tas-sentenza kellha tiġi notifikata lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 382A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-imputat b'Ordni tat-Trażżin fil-konfront ta' Carmelo Rapinett għal żmien sentejn;

- b'applikazzjoni ta' Artikoli 383(1) u 383(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt obbligazzjoni personali għal żmien tnax (12)-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza taħt penali ta' elfejn Euro (€2000) milli jimmolesta u/jew jivvessa lil Carmelo Rapinett;

- il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana wara li qieset li ma kienux ġew nominati ebda esperti fil-kawża;

- *ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023 l-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja ippreżentat Rikors (*a fol.* 55) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nfurmat lill-Ewwel Qorti li hija kienet ġiet appuntata Uffiċjal tal-*Probation* tal-imputat u li l-imputat kien naqas li jżomm ruħu f'kuntatt magħha u mal-Uffiċju skont id-direttivi mogħtija lilu u naqas milli joqgħod għad-direttivi mogħtija lilu minnha sabiex huwa jieħu l-kura meħtieġa minħabba l-vizzju tad-droga u b'hekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ħassitha fid-dmir li tattira l-attenzjoni tal-Qorti għal dan il-fatt sabiex tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati li naqas li joqgħod għall-ħtiġijiet tal-Ordni tal-*Probation* u l-Ordni ta' Trattament mogħtija mill-istess Qorti fit-28 ta' Ġunju 2023 u konsegwentement trattat mal-istess imputat, *ossia* d-denunzjat, għar-reati li tagħhom instab ħati permezz tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2023 u għalhekk, wara li rat Artikoli 17(d), 31(1)(b), 202(h)(iii), 202(h)(v), 202(h), 202(j), 251(1), 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251H(a), 251H(b), 251HA, 339(1)(e), 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu sentejn (2) priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata jew il-każ jintbagħat lura sabiex tiġi segwita l-proċedura fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu dwar il-provi u fatti legali hawn fuq esposti b'riserva ta' kummenti ulterjuri fil-każ li ċertament turi li l-piena hija eċċessiva."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Diċembru 2024 liema sentenza ġiet mogħtija wara li l-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja ppreżentat denunzja fis-16 ta' Novembru 2023 *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata jew alternattivament tibgħat il-każ lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi segwita l-proċedura fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu dwar il-provi u fatti legali b'riserva għal argumenti legali li juru li l-piena hija waħda eċċessiva.

Illi jirriżulta li dan il-każ jirrigwarda vjolenza domestika b'dan illi fit-22 ta' Ġunju 2023 għal ħabta tas-7.20pm il-Pulizija tas-Sezzjoni Kontra l-Vjolenza Domestika ġew infurmati li missier l-appellant ried jagħmel rapport kontra l-appellant minħabba li dan tal-aħħar kien qiegħed jheddu u jgħajjru. Jispjega li saħansitra kien sejjer iħebb kontra oħtu bis-sikkina li dejjem iżomm fuqu.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fl-ewwel seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Ġunju 2023 (*a fol.* 3 *et seq.*) l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u li jinsabu elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Eventwalment fit-28 ta' Ġunju 2023 l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fejn poġġiet lill-appellant taħt Ordni ta' *Probation* kif ukoll taħt Ordni ta' Trattament, it-tnejn li huma għal perjodu ta' tliet (3) snin. Hekk kif diġà ngħad aktar 'il fuq, l-Uffiċjal tal-*Probation* ippreżentat denunzja u wara li l-Ewwel Qorti qieset il-provi li kellha quddiemha fejn ingħad li l-appellant allura imputat ma kienx segwa l-Ordni tal-*Probation*, l-

imsemmija Qorti trattat mill-ġdid mal-imputat Marco Rapinett għall-imputazzjonijiet li kienet diġà sabitu ħati tagħhom u kkundannatu sentejn priġunerija.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 85):

> "A rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-piena mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2023 tkun konvertita f'piena ta' priġunerija effettiva, il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti, joħroġ biċ-ċar li l-imputat, issa d-denunzjat, ma kellu ebda intenzjoni sabiex jaderixxi mal-obbligi tiegħu *ai termini* tal-Ordni ta' *Probation* u jekk qatt wera xi tip ta' intenzjoni sabiex jindirizza l-problema li għandu ta' droga, jirriżulta li dan ma kien xejn għajr kliem fieragħ u mhux rieda ġenwina sabiex verament jgħin lilu nnifsu. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju."

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li minkejja li fit-23 ta' Ġunju 2023 huwa rreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, il-konsulent legali tiegħu li kienet segwiet il-każ mill-bidu ma ngħatatx iċ-ċans sabiex titratta l-każ minħabba li ma setgħetx tkun preżenti b'dana illi ssejjaħ avukat tal-għajnuna legali li kien tal-Għassa dakinhar u ġie mġiegħel jittratta l-każ li ma kien jaf xejn dwaru.

Illi l-appellant jispjega li kien hemm numru ta' xhur fejn huwa ma nstabx u anqas deher għas-seduti fejn kien hemm komunikazzjoni bejn il-konsulent legali tiegħu u l-Prosekuzzjoni jekk il-każ kienx ser isir jew le iżda meta kien hemm l-aħħar seduta l-konsulent legali tiegħu ma ġietx infurmata li hu kien ġie arrestat. L-appellant jgħid li fil-mori tad-differiment wara l-20 ta' Novembru 2024 huwa kien għamel kuntatt mal-konsulent legali tiegħu u xtaq li hija tispjega ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu iżda meta marru fis-

seduta ta' wara l-konsulent legali tiegħu ġiet infurmata li kienet ser tingħata s-sentenza *ossia* dik appellata. Jisħaq li l-konsulent legali tiegħu qatt ma rċeviet komunika mill-Qorti li l-każ kien ġie trattat u dana peress li kieku sar hekk kien jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dana peress li l-avukat tal-għajnuna legali li kien tal-Għassa dakinhar kellu jitratta fuq każ li ma kellux ħjiel tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji li huma s-segwenti:

- fl-ewwel aggravju l-appellant jargumenta li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex il-każ tiegħu jerġa' jiġi trattat biex il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tonqos jew tiġi varjata;

- fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva u li meta wieħed jara ċ-ċirkostanzi tal-każ wieħed jara li dan huwa każ li jimmerita li jinstema mill-Qorti dwar id-Droga;

- fit-tielet aggravju l-appellant jargumenta li kieku l-konsulent legali tiegħu kienet ġiet infurmata b'verbal li l-każ kien mar għas-sentenza, huwa kien ikollu opportunita' mod ieħor.

Illi din il-Qorti tqies li jkun opportun li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hawn fuq elenkati flimkien u dana peress li huma konnessi.

Illi minkejja li l-appellant jgħid li dan il-każ kien jistħoqqlu li jiġi ttrattat minn Qorti dwar id-Droga pero' għandu jingħad li huwa ma ressaq l-ebda talba dwar dan la quddiem l-Ewwel Qorti u wisq anqas quddiem din il-Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 64) jirriżulta li dakinhar l-appellant allura imputat ma kienx deher u li għalih dehret il-konsulent legali tiegħu b'dan illi dakinhar tas-17 ta' Lulju 2024 l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-16 ta' Ottubru 2024;

- mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-16 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 65) jirriżulta li dakinhar l-appellant allura imputat ma kienx deher u li għalih reġgħet dehret il-konsulent legali tiegħu b'dan illi dakinhar tas-16 ta' Ottubru 2024 l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għall-20 ta' Novembru 2024;

- minn qari tal-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 66) jirriżulta li deher l-appellant allura imputat u li għalih deher avukat ieħor li ma kienx l-istess wieħed li deher fiż-żewġ seduti ta' qabel, fejn mill-verbal tas-seduta msemmija jirriżulta li dan l-avukat assoċja ruħu fil-patroċinju tal-appellant allura imputat flimkien mal-konsulent legali l-oħra li dehret fis-seduti ta' qabel sabiex jassisti lill-istess appellant;

- dakinhar tal-20 ta' Novembru 2024 l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-3 ta' Diċembru 2024;

- mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-3 ta' Diċembru 2024 (*a fol.* 76) jirriżulta li deher l-appellant allura imputat assistit mill-konsulent legali tiegħu li dehret għalih fis-seduti tas-17 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 64) u tas-16 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 65) b'dan illi dakinhar tat-3 ta' Diċembru 2024 ingħatat is-sentenza li ġiet appellata u li dwarha qed tingħata din is-sentenza tallum.

Illi minn imkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta li ntalab differiment quddiem l-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini jingħad li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 66) jirriżulta li dakinhar d-difiża talbet

għall-ħelsien mill-arrest tal-appellant allura imputat, liema talba ġiet miċħuda.

Illi din il-Qorti tinnota li l-kawża mhijiex tal-avukat iżda hija tal-persuna li tkun mixlija l-Qorti li għalkemm għandu ċertu drittijiet għandu wkoll l-obbligu li tal-anqas jinforma lill-avukat tiegħu b'dak li ġara waqt is-seduta. Nuqqas minn naħa tiegħu li jagħmel hekk juri li huwa ma għandux interess fil-kawża in kwistjoni. Lanqas huwa aċċettabbli li jinforma lill-avukat tiegħu fl-aħħar mument dwar id-differiment li jmiss. Apparti minn dan għandu jingħad li filwaqt li ma kien ser jintilef xejn kieku l-konsulent legali tal-appellant allura imputat ġiet komunikata jew notifikata b'verbal mill-Ewwel Qorti pero' dan il-fatt *per se*, jekk isir, ma jneħħiex l-obbligu li kemm l-avukat u l-patroċinat tagħha jsegwu l-każ u jattendu għas-seduti ffissati l-Qorti għalih. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari meta fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-konsulent legali tal-appellant allura imputat li kienet tidher tassistih quddiem l-Ewwel Qorti ma dehritx quddiem il-Qorti msemmija fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024 hekk kif kif ingħad hawn fuq f'din is-sentenza u dana meta kienet preżenti għas-seduta ta' qabel!

Illi dak li ngħad hawn fuq iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li ma tressqet l-ebda raġuni li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi li tibgħat lura din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, kif jitlob l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tqis jekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant kinitx waħda hijiex eċċessiva. Għandu jingħad li huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-appellant allura imputat kien ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta li kienet ġiet iffissata quddiem l-Ewwel Qorti ossia dik miżmuma fit-23 ta' Ġunju 2023 (*a fol.* 3) u għalhekk il-mertu ġie eżawrit u li kien jifdal kien il-kalibrazzjoni tal-piena. Stabbilit dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24

ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk

> "4. Il-ġurisprudenza tgħallem li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx tirrientra fil-parametri legali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:
>
> > Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.
>
> 5. Il-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-

[1] "Enfasi ta' din il-Qorti."

Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the

Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn

din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, tinnota li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ li għandha

quddiemha huma tali li jħassbuha ferm u dana speċjalment meta bis-sentenza tagħha mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2023, l-Ewwel Qorti tat opportunita' tad-deheb lill-appellant allura imputat. L-appellant mhux biss kien ta' periklu għal familtu, iżda lanqas ipprova jieħu xi ħaġa mill-opportunita' li ġie mogħti. F'dan ir-rigward l-atteġġjament tal-appellant jirriżulta b'mod ċar mix-xiehda tal-Uffiċjal Probation meta fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Novembru 2024 hija xehdet is-segwenti (*a fol.* 67 *et seq.*):

> "L-attitudni tas-Sur Rapinett, hija riflessa minn Ġunju 2023 motivazzjoni biex nindirizzaw b'mod serju l-problema ta' droga li għandu, motivazzjoni ma hemmx, <u>kliem fieragh kemm trid imma meta niġu għal *dunque*, ma jżomm ma' ebda wieħed</u> minnhom u għalhekk nirrakomanda li jingħata sentenza ta' priġunerija." [emfażi miżjuda]

Illi magħdud ma' dan, din il-Qorti tinnota wkoll li l-appellant instab ħati, fost l-oħrajn, talli kiser Artikoli 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena ta' liema hija dik minn sena sa erba' snin priġunerija. Meħud in konsiderazzjoni li l-appellant ġie kkundannat piena ta' sentejn priġunerija jirriżulta li tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi u b'hekk jirriżulta li ma hemmx lok għal temperament fil-piena. Apparti minn dan, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida jew legali li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tilqa' xi aggravju mressaq minnu fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema aggravji qed jiġu kollha miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Marco Rapinett u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**